MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 703/2007

**FIL-PRIM` AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta’ Frar, 2008

Rikors Numru :  703/07 AL

**Av. Dottor David Tonna (numru tal-karta ta' l-identita' 659956 (M) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Austria Tabak GmbH & Co. KG.**
**vs**
**Av Dottor Anthony Cutajar u P.L. Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati**

**biex jirrapprezentaw lis-socjeta' The Lions S.A Mersin, Turkey (Tel: +90-533-2182503), nominati b'digriet tad-9 ta' Awissu 2007**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur nomine fis-27 ta' Gunju, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta' rikorrenti Austria Tabak GmbH & Co KG, ta' Koppstr. 116, 1160 Wien, tal-Awstrija hija proprjetarja tal-marka tas-sigaretti "MEMPHIS" u proprjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq il-pakketti tal-istess sigaretti, kif ukoll ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn muri fuq l-istess pakketti tas-sigaretti u dan skond kif jidher fuq id-Dokument "A" u d-Dokument "B";

Illi s-socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' propjeta' industrijali tal-istess markju u disinn "MEMPHIS" minhabba l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti ghandha d-drittijiet tal-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku li jinsab fuq l-istess pakketti tas-sigaretti "MEMPHIS" u dan kollu ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfmi) tal-KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minhabba l-fatt illi l-markju "MEMPHIS" huwa wkoll irregistrat bhala Trademark Komunitarja mal-'Office for Harmonization in the Internal Market' tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 000104455 (kif muri f'Dok. "A"), Numru 000104380 (kif muri f'Dok. "B");

Illi jirrizulta illi fid-9 ta' Gunju 2007 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CAP AKRITAS", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' sigaretti li jgibu l-markju "MEMPHIS" kif ukoll is-sinjali distintivi fuq imsemmija li jinsabu fuq l-istess sigaretti liema konsenja tikkonsisti f' disgha mija u disgha u hamsin (959) kaxxa maghrufa bhala master cases b'Container Numru PSFU7753713, u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP. 414;

Illi mill-Polza ta' Kargu Numru IN1334926 jirrizulta li l-parti ghan-notifika (Notify Party) tas-sigaretti in kwistjoni huma ndikati bhala The Lions S.A Mersin, Turkey (Tel: +90-533-2182503), mentri jirrizulta li d-dettalji tax-Shipper huma ndikati bhala Emerald Tobacco PVT Ltd Plot Type-C, 31,32,39 & 40 Indore Special Economic Zone (Sez) Pithampur, Dist - Dhar, M.P., India;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-riesportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta' intellettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess KAP 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dawn is-sigaretti in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skond l-Artiklu 2(1)(b) tal-Kap. 414, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta' propjeta' intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta' estera Gallaher Limited ghas-socjeta' rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. "C");

Illi din il-konsenja ta' sigaretti bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-KAP. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "F");

Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropeja u fil-kazistika tal-'European Court of Justice' illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri

tal-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 u tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-Trademark Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

Illi l-Artikolu 9 tal-Avviz Legali Numru 233 ta' l-2003 intitolat "Regoli ta' 1-2003 dwar it-Trademark Komunitarja" jistipula illi ghal-finijiet ta' l-Artikolu 91 tal-imsemmi Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94, il-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar Trademarks Komunitarji huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

Illi l-Avukat Dr. David Tonna noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Talab lill-konvenuti nomine jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-KAP. 414 u/jew skond l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' sigaretti li tikkonsisti f’disgha mija u disgha u hamsin (959) kaxxa maghrufa bhala master cases b'Container Numru PSFU7753713 da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(b) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar PropIjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu

4 tal-istess KAP. 414, u dan fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq id-disinn jew xoghol artistiku taghha kif jinsab fuq il-pakketti tas-sigaretti "MEMPHIS";

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' sigaretti tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tar-registrazzjonijiet tat-Trademarks Komunitarji Numru 000104455 (kif muri f'Dok. "A"), u Numru 000104380 (kif muri f'Dok. "B") registrati f'isem is-socjeta' rikorrenti (dan kollu skond il-provvedimenti tar-Regolament taI-Kunsill (EC) Numru 40/94 taI-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-Trademark Komunitarja (taI-Unjoni Ewropeja)), u/jew fil-konfront tad-drittijiet taI-awtur illi s-socjeta' rikorrenti ghandha fuq id-disinn jew xoghol artistiku taghha kif jinsab fuq il-pakketti tas-sigaretti "MEMPHIS";

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi tal-ewwel taIba u/jew tat-tieni taIba u/jew tat-tielet taIba sabiex jiddistruggu s-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor Ii tista' skond it-termini ta' I-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - KAP. 414 taI-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, taI-hazna, tad-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, u taI-ispejjez taI-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata Ii minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Awissu, 2007, li “in forza” tieghu inhatru l-Avukat Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kumpannija konvenuta ghall-finijiet kollha tal-Ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kuraturi deputati li *in forza* taghha eccepew :

Illi f’dan l-istadju ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirmexxilhom jikkomunikaw mas-socjeta minnhom rappresentata u ghal dan il-ghan ir-rikkorrenti noe ghandu jghaddi lill-esponenti kull indirizz li jista ghandu tas-socjeta intimata;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti nomine;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi l-Avukat Dottor David Tonna huwa l-mandatarju specjali f’Malta tas-socjeta’ estera attrici Austria Tabak GmbH & Co. KG. ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki ta’ din is-socjeta’ f’Malta. Gara illi idahhlet f’Malta konsenja ta' sigaretti li jgibu l-markju "MEMPHIS" kif ukoll is-sinjali distintivi Ii jinsabu fuq l-istess sigaretti liema konsenja tikkonsisti f’disgha mija u disgha u hamsin (959) kaxxa maghrufa bhala master cases b'Container Numru PSFU7753713, liema container iddahhal f’Malta fuq il-vapur MV "CAP AKRITAS"; liema sigaretti mhumiex genwini.

Illi mill-Polza ta' Kargu Numru IN1334926 irrizulta Ii l-parti ghan-notifika (Notify Party) tas-sigaretti in kwistjoni huma ndikati bhala The Lions S. A. Mersin, Turkey, mentri jirrizulta Ii d-dettalji tax-Shipper huma ndikati bhala

Emerald Tobacco PVT Ltd Plot Type-C, 31,32,39 & 40 Indore Special Economic Zone (Sez) Pithampur, Dist - Dhar, M.P., India;

Illi irrizulta illi s-socjeta’ estera attrici hija detentrici tad-dritt ta' propjeta' industrijali tal-istess markju u disinn "MEMPHIS".

Illi din il-konsenja ta’ sigaretti tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-KAP. 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' estera attrici lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz.

Illi irrizulta wkoll illi kampjuni ta’ din il-konsenja intbaghtu lil Ronald Williams Security Operations Manager ta’ Gallaher Limited b’ufficjini fl-Ingilterra u wara illi ezamina dawn il-kampjuni fuq talba tas-socjeta’ estera attrici ikkonkluda illi l-prodotti in kwistjoni huma foloz u li ma kienux prodotti minn jew bl-awtorizzazzjoni tas-socjeta’ estera attrici.

Illi Dr Anthony Cutajar il-kuratur deputat kiteb permezz ta’ e mail lis-socjeta’ estera konvenuta minnu rapprezentata; liema e mail intbaghtet wkoll fuq fax number 0090-3243273764; liema numru tal-fax u e mail address gew provduti lilu minn persuna li wiegbet ghat-telefonata li l-istess kuratur deputat kien ghamel fuq in-numru tat-telephone + 90 533-2182503 li jidher fl-okkju tar-rikors guramentat. Il-kuratur deputat informa lill-Qorti permezz ta’ Nota tas-7 ta’ Dicembru 2007 illi kien ghadu ma irceva l-ebda twegiba mis-socjeta’ konvenuta minnu rapprezentata.

Illi d-Direttur Qrati Civili u Tribunali permezz ta’ Nota datata 27 ta’ Novembru 2007 ipprezenta fax li kien ircieva minghand Tarkan Koc li kiteb ghan-nom ta’ The Lions S.A. fejn cahad kull responsabbilita u tefa ir-responsabbilita kollha fuq ix-‘shipper’.

Illi l-Qorti tara illi The Lions S.A. ma ghamlu l-ebda tentattiv sabiex jibghatu xi rapprezentant taghhom f'Malta sabiex jirribatti l-kawza odjerna u lanqas ma ikkommunikaw mal-avukat u prokuratur legali illi qeghdin jirrapprezentawhom f'din il-kawza u lanqas ma irrispondew l-e mails u l-fax li baghatilhom il-kuratur deputat Dr Anthony Cutajar u ghaldaqstant tara illi ma irnexxielhomx jirribattu bl-ebda mod it-talbiet tas-socjeta' estera attrici.

Illi wara li l-Qorti qieset il-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma dak li tipprovdi l-ligi waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :

a. il-kumpannija estera attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att V111 tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. illi d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attrici;

d. jidher li l-kumpannija attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija estera attrici biex il-konsenja ta' oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita' tal-imsemmija sigaretti tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib illi l-attur nomine wera tajjeb bizzejjed illi s-socjeta’ estera attrici kellha ragun temmen illi is-sigaretti illi ddahhlu f’Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f’pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ l-ewwel talba attrici, tilqa’ t-tieni talba attrici kif dedotta, tilqa t-tielet talba attrici kif dedotta, tilqa’ r-raba talba attrici u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien hmistax il-gurnata tax-xoghol mil-lum jiddistruggi is-sigaretti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tas-socjeta’ konvenuta skond l-Artikolu 8 tal-Kap 414, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames talba attrici peress illi ordnat id-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni. Finalment tilqa wkoll is-sitt talba attrici u tordna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-transport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ konvenuta, b’dan illi provizzorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghadhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------